4 ta' Frar, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Anthony Falzon ne. *versus* Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre et.**

**Azzjoni tal-Gvern għall-Ħlas ta' Xogħol ta' Installazzjoni ta' Dawl Elettriku — Azzjoni "De in Rem Verso" — Preskrizzjoni — Art. 2254 u 2261 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-Gvern jassumi li jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' dawl elettriku, l-azzjoni tiegħu għall-ħlas ta' dak ix-xogħol hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' sentejn; għax f'każi simili l-Gvern jassumi l-eżekuzzjoni ta' xogħol u jidħol taħt il-kwalifika ta' kuntrattur ta' xogħlijiet.*

*Imma jekk l-azzjoni tal-Gvern tkun bażata mhux fuq ftehim relativ għal dak ix-xogħol, imma fuq il-vantaġġ li l-konvenut ikun irrikava minn dak ix-xogħol, l-azzjoni tiegħu hija dik "de in rem verso", li hija preskrivibili f'ħames snin.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li fih l-attur nomine, wara li ppremetta li l-konvenut Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre huwa l-proprjetarju, u l-Ispiżjar George Manchè huwa l-inkwilin, tad-dar nru. 13 u 14 St. Mary Street, tas-Sliema; liema dar, meta ġiet mikrija, kien fiha l-installazzjoni elettrika ta' proprjetà tas-sid; u li fuq rimarki li għamel l-inkwilin rigward il-konsum tal-kurrent elettriku, li huwa deherlu li kien għoli ħafna, sar test tal-meter kif ukoll ta' l-installazzjoni elettrika, u ġie aċċertat li dina ma kienetx ta' l-istandard rikjest mir-regolamenti, u għalhekk ma setgħetx tibqa' tiġi wżata; u li b'ittra tat-18 ta' Settembru 1944 il-konvenut Manchè qal illi sid id-dar xtaq ikun jaf jekk ix-xogħol setax isir mid-dipartiment rappreżentat mill-attur, u fil-każ affermativ x'kienet l-ispiża; u illi fuq interpretazzjoni ħażina ta' korrispondenza dipartimentali d-dipartiment għamel tibdiliet u tiswijiet neċessarji fl-installazzjoni elettrika fuq imsemmija mingħajr ebda oppożizzjoni ta' ħadd, anzi ċertament bl-approvazzjoni tal-konvenut Spiżjar Manchè, billi dan kien jaf mill-ewwel li kienu qegħdin isiru xogħlijiet, u ċertament bix-xjenza, jekk mhux bl-ap-

provazzjoni wkoll, tal-konvenut Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre, billi dan kien żgur jaf b'hom waqt li kienu qegħdin isiru; u l-ispiża relativa kienet ta' £17. 12. 9, kif dettaljata fil-kont miġjub ħħala dok. A ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni; u illi l-konvenuti, fuq l-iskuża li ħadd minnhom ma ordna x-xogħol fuq imsemmi, irrifjutaw it-tnejn iħallsu s-somma fuq imsemmija, u dan non ostanti li ġew għal hekk interpellati bl-ittra uffiċjali tal-25 ta' Frar 1947; talab li, wara li, jekk ikun hemm bżonn, tkun saret kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u speċjalment dik li x-xogħol fuq imsemmi huwa ta' vantaġġ għall-konvenuti jew min minnhom, u kien ikollu jsir fi kwalunkwe każ a spejjeż ta' l-istess konvenuti jew min minnhom; u wara li jkun mogħti kwalunkwe provvediment opportun, l-istess konvenuti jew min minnhom jiġu kundannati jħallsu lilu s-somma fuq imsemmija ta' £17. 12. 9, prezz ta' xogħol u materjali impjegati fit-tiswijiet u tibdiliet fl-installazzjoni elettrika fuq indikata. Bl-imgħax legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali fuq indikata, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali tal-25 ta' Frar 1947;

Rat is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1951, li biha l-Ewwel Qorti rriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni: billi dik il-Qorti rriteniet;

Illi x-xogħol li dwaru ntalab il-ħlas huwa dak imsemmi fid-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine, kif mhux kontrastat;

Illi preliminarment il-konvenut Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre eċċepixxa l-preskrizzjoni avversu t-talba attriċi skond l-art. 2254 (a) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-art. 2220 ta' dak il-Kodiċi (Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, bażat fuq il-Proklama tal-10 ta' Frar 1815 u l-Ordinanza nru. VII ta' l-1868, u li l-liġijiet ma rrevokawhx imma biss irrinnovawh, kif jingħad iżjed tard), jitkellem fuq il-ħwejjeġ li għalihom hemm il-preskrizzjoni, u fis-sezzjoni tnejn stabbilixxa restrizzjoni eċċezzjonali b'din id-diċitura— "iżda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu l-Kuruna, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261";

Illi l-art. 2254 tal-Kodiċi Ċivili jikkontjeni, preċiżament taħt l-ittra (e), l-innovazzjoni għall-Proklama tal-10 ta' Frar

1815, li jissanċixxi li ebda terminu ta' preskrizzjoni ma huwa applikabili għall-pertinenzi tal-Kuruna f'dawn il-Gżejjer, in kwantu fl-artikolu msemmi l-leġislatur mar kontra dik l-istess regola kontenuta fil-Proklama msemmi, billi introduċa l-operazzjoni ta' l-istitut tal-preskrizzjoni kontra l-istess Kuruna dwar l-azzjonijiet relativi għar-riskossjoni tad-drittijiet ġudizzjali, tad-dazji jew taxxi oħra, li skond l-artikolu talliġi attwalment in vigore, u l-art. 1913 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, jippreskrivu ruħhom bid-dekorriment ta' sentejn;

Illi t-teżi tal-konvenut Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre, fis-sens li f'dan il-każ huwa applikabili l-art. 2254 ittra (a), ma tistax tiġi validament intrattenuta; għaliex (1) kontra tagħha tirripunja t-tradizzjoni u l-istorja ta' l-artikolu tal-liġi fil-post ċitat, (2) loġikament ma torbotx, l-għaliex irriferenza, għalkemm ġenerika, għall-artikolu msemmi mill-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili, ma tistax ħlief tingħaqad massezzjoni (e) ta' dak l-istess artikolu, inkwantokkè l-Gvern u l-Kuruna ma jistax ikun imdaħħal la taħt id-diċitura ta' bennejja ta' bastimenti, la taħt it-terminu ta' kuntratturi;

Illi fi kliem ieħor, jingħad li tikkonduċi għal din l-esklużjoni l-menzjoni ta' l-azzjonijiet kollha mdaħħla f'dak l-artikolu taħt l-ittri (a) (b) (c) u (d), indubbjament inapplikabili, non ostanti l-menzjoni ġenerika ta' l-art. 2254 fl-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili, u per konverso ssaħħaħ it-teżi tal-Qorti r-riferenza kontenuta fl-istess artikolu 2220 Kodiċi Ċivili, fejn ġiet stabbilita n-norma ta' l-impreskrittibilità tal-jeddijiet u azzjonijiet tal-Kuruna, salva l-eċċezzjoni innovatorja li qabel ma kienetx operativa dwar l-azzjonijiet imdaħħla taħt l-ittra (e) ta' l-art. 2254 ta' l-istess Kodiċi; għal liema azzjonijiet kienet ċirkoskritta l-innovazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, b'istanza li tiġi milqugħa l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine, u tiġi miċħuda t-talba ta' l-istess attur nomine, bl-ispejjeż:

*Omissis:*

**Ikkunsidrat;**

Illi, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, l-art. 2220 tal-

Kodiċi Ċivili jitkellem fuq il-ħwejjeġ li għalihom hemm il-preskrizzjoni, u fis-sezzjoni tnejn jistabbilixxi restrizzjoni eċċezzjonali — bażata in parti fuq ir-regolament nru. 1 tal-Proklama ta' l-10 ta' Frar 1815 — in rigward għall-jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Kuruna, li kontra tagħhom ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; però jeċċettwa l-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261 ta' l-istess Kodiċi;

Illi t-teżi ta' l-appellant hija dik illi hawn jirrikorri l-każ imsemmi fl-art. 2254 ittra (a), meta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tiġi sollevata anki kontra l-Kuruna, jiġifieri l-każ ta' l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu — liema azzjonijiet, skond l-art. 2254, jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq sentejn;

Illi ċertament, kieku l-azzjoni eżerċitata mill-attur nomine kienet bażata fuq, u tnisslet minn, ftehim bejnu u l-konvenuti, jew min minnhom, li in forza tiegħu l-Gvern kellu jagħmel, bi ħlas, ix-xogħlijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni u jfornixxi l-materjal okkorrenti għal dawk ix-xogħlijiet, kienet tkun opponibili kontra l-attur nomine l-imsemmija preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254, għaliex ma hemmx dubju li meta l-Kuruna u l-Gvern jagħmlu kuntratti simili, jiġifieri jassumu li jeżegwixxu xogħlijiet għall-privat, jidħlu anki huma taħt id-diċitura "kuntratturi ta' xogħlijiet eċċ.";

Illi però, kif jidher ċar biżżejjed mill-parti espożitiva tal-fattijiet u mit-talba tad-dikjarazzjoni li speċjalment ġiet mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, l-attur nomine mhux qiegħed jeżerċita l-azzjoni "ex contractu", imma, inveċi, l-azzjoni sussidjarja "de in rem verso", li hija konċessa f'dawk il-każijiet meta mhix esperibili l-azzjoni "ex contractu", u għandha fundament u limiti fil-vantaġġ arrekat; liema azzjoni ma taqax bil-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-imsemmi artikolu 2254 tal-Kodiċi, imma b'dik ta' ħames snin prevista fl-art. 2261 ta' l-istess Kodiċi. Għal din ir-raġuni, u mhux għal dawk mogħtijin mill-Ewwel Qorti, l-eċċezzjoni għandha

t'ġi respinta; u kwindi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija konfermata;

Għaldaqstant tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-4 ta' Ottubru 1951;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-konvenut Maġistrat Dottor Agostino Gauci Maistre.